MALTA

ATT NRU. XI ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill Parlament ta' Malta.

ATT biex jkompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji.

ACT No. XI OF 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Aids to Industries Ordinance, 1959.

Nagħti l-kunsens tiegħi

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

13 ta' Frar, 1987

ATT Nru. XI ta' l-1987

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali". Ordinanza XXI A ta' l-1959

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1987.

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali.

3. Minnufih fit-tmiem tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda dak il-perijodu ta' sentejn jista' jiġi estiż għal perijodi oħra, li kull wieħed minnhom ma jeċċedix sentejn, kif il-President wara li jikkonsulta lill-Korporazzjoni jista' għall-espansjoni ta' l-industrja, jiddeċiedi.".

Emenda ta' l-artikolu 6A tal-liġi prinċipali.

4. Fl-ewwel proviso li hemm għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6A tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "jew sa tlett snin wara" għandhom jidħlu l-kliem "jew sa ħames snin wara".

Emenda ta' l-artikolu 6B tal-liġi prinċipali.

5. L-artikolu 6B tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "tiġi finanzjata espansjoni fl-investiment kapitali tal-kumpannija biex iżżid il-produzzjoni tagħha ta' oġġetti għall-esportazzjoni jew għas-sostituzzjoni ta' l-importazzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "jiġi finanzjat xi proġett tal-kumpannija kif dan ikun ġie approvat mill-Korporazzjoni";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "tnax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħa u għoxrin xahar"; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "ħames snin".

Żieda ta' l-artikolu 6E ġdid mal-liġi prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 6D tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"6E. (1) Meta l-President jidhirlu wara li jikkonsulta lill-Korporazzjoni, li r-riservi tal-profitti akkumulati jew parti minnhom f'xi snin partikolari, li industrjalista li jkun kumpannija kif imfissra fl-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, ikun uża bl-iskop esklusiv li jiffinanzja xi proġett tal-kumpannija li jkun ġie approvat mill-Korporazzjoni, u jkun ingħata avviż ta' dan l-investiment lill-Kummissarju, il-President jista' jagħmel ordni illi, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li hu jidhirlu xierqa u l-kundizzjoni li dawk ir-riservi tal-profitti akkumulati jew parti minnhom ġew fil-fatt utilizzati għall-iskopijiet li kienu ġew investiti għalihom u b'mod konformi malkundizzjonijiet kollha ta' l-ordni, dawk ir-riservi tal-profitti jew parti minnhom ta' snin partikolari jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) Ma għandu jsir ebda ordni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar xi profitti taxxabbli f'idejn il-kumpannija dwar xi sena ta' stima qabel dik li tibda fl-1 ta' Jannar, 1984.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu meta l-Kummissarju jkun ippermetta li l-qliegħ jew il-profitti ta' industrjalista jinħadmu għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, fuq id-dħul tas-sena li tintemm f'data fis-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima ħlief għall-31 ta' Diċembru, dik is-sena għandha titqies li hi s-sena minnufih qabel is-sena ta' stima.".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

7. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "iżda b'dan illi ebda oġġett ma għandu jiġi importat", għandhom jidħlu l-kliem "kif ukoll oġġetti għandhom jiġu mportati".

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

8. Fir-Raba' Skeda, fil-paragrafu (i) tagħha, minflok il-kliem "matul l-ewwel tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "matul l-ewwel ħames snin".

9. Minflok il-Ħames Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja:

Sostituzzjoni tal-Ħames Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

"IL-ĦAMES SKEDA

(Artikolu 6B)

Tnaqqis ta' Taxxa ta' Kumpannija

Proporzjon ta' l-*income* ta' Kumpannija mwarrab	Tnaqqis fir-rata ta' taxxa li xort'oħra tkun taxxabbli
kull ammont	bi 17c5.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 448 tat-13 ta' Frar, 1987.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati